MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

**8 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Sephora Cutajar – Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Sephora Cutajar, Deborah Mifsud, John Mizzi, u Marie Claire Zammit Bonello.

Għal laqgħa kien hawn preżenti wkoll il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**2.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

2.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

2.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġija

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

2.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 1 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

2.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur John Mizzi, il-minuti tal-laqgħa numru 1 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**2.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

2.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bi żvista kien naqas li jsemmi l-infrastruttura fl-ewwel laqgħa tal-leġislatura. Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li hi kienet se tassumi r-responsabilta' ta' l-infrastruttura. Kien hemm qbil unanimu.

2.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi taħt il-fond għall-irrigazzjoni, se jixħet applikazzjoni għal irrigazzjoni fi Ġnien Lippu Sammut. Kien hemm qbil nem. con.

**2.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

2.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar ssuġerixxa illi għal laqgħa li jmiss tal-Kunsill jiġu mistiedna rappreżentanti u kumitati ta' l-għaqdiet involuti fil-festa biex naqsmu l-awguri. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard semma illi se jkun qed jaħdem ħalli l-mitħna ta' l-Imrieħel tiġi devoluta lill-kunsill biex isir xi forma ta' mużew. Semma wkoll mtieħen oħra fosthom Ta' Ganu, ta' Għar il-Ġobon u t-Torri Wejter. Il-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar qal li t-Torri Wejter żgur privat. Madankollu ma kienx hemm oġġezzjoni illi nesploraw dawn il-propjetajiet u jibdew ir-riċerki.

2.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri ppropona illi bħala Kunsill ta' BIrkirkara flimkien ma' Kunsilli oħra fosthom tal-Ħamrun, Santa Venera u l-Imsida, nitolbu lill-gvern sabiex l-isptar St.Philips jinxtara mill-gvern u jsir villaġġ ta' l-anzjani. Huwa qal illi l-isptar għandu area ta' madwar 10,400 metru kwadru u minn kull kamra, wieħed jista' jara veduta. Din tkun tiflaħ madwar 150 anzjan u parkeġġ ta' 100 karozza. Fil-fehma tiegħu, din hija binja li ftit hemm bżonn rinnovazzjoni u iktar tagħmel sens mill-post fi Triq Ganu fejn hemm konġestjoni. Huwa qal li l-art Ta' Ganu tista' tiġi konvertita fi spazju miftuħ b'parkeġġ taħt l-art.

2.4.4 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet illi filwaqt li taqbel ma' l-ideja li l-isptar St.Phillips jintalab biex jintuża bħala villaġġ ta' l-anzjani, ma taqbilx li dan jissostitwixxi lid-dar li se tinbena f'Ganu. Hija qalet li d-dar għaddiet għand ministru li la qal li se ssir se ssir. Hija qalet li jkollha talbiet minn ħafna anzjani li jridu joqogħdu f'dar Birkirkara u ma tistax tgħidilhom le. Hija se tkun qegħda tiċċekkja fhiex waslet id-dar ta' Ganu u tirrapporta lura. Pero' ma kienx hemm oġġezzjoni li nitkellmu ma' Kunsilli oħra biex nitolbu għal St.Phillips.

2.4.4 Il-Kunsillier s-Sa. Marie Claire Zammit Bonello saqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-talba li ressaqna TM dwar *traffic management* Ta' Paris (Gollcher/Lorenzo Gatt). Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li ħa tiċċekkja ma' TM u mbagħad niddeċiedu nlaqqgħux lin-nies.

2.4.5 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi kien ilu jirrapporta dwar karozza bit-tajers imniżżlin, twieqi mniżżla u abbandunata fi triq John Borg. Hu qal li tkellem saħansitra mal-Kummissarju imma l-Kummissarju qed jgħid li ma għandhomx spazji fejn iżommu karozzi, għalhekk għall-ispazji jrid jaħseb il-Kunsill. Il-kunsilliera ma qablux ma' dan minħabba fost oħrajn punti legali u s-Segretarju se jkun qed iqajjem din it-tema fil-laqgħa li se jkollna mal-AKL.

2.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Patrick Owen Attard qal illi qed ikun hemm *rebus* mal-*bring in site* tal-Qattus. Huwa talab għal aktar sorveljanza. Is-Sa. Sindku talbitu biex meta jkollu ilmenti jgħaddihom lis-Segretarju ħalli jinvestigaw l-istaff. Hija talbet lis-segretarju biex l-istaff jiċċekkja wkoll jekk l-iskips humiex jitbattlu darbtejn kuljum kif suppost jiġri bit-tender.

2.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard talab sabiex fil-laqgħa li jmiss niddiskutu t-trasport ċirkulari għall-anzjani. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**2.5 Aġġustamenti finanzjarji**

2.5.1 Il-Konsulent Finanzjarju s-Sur Christian Vella qal li wara li l-awdituri lestew l-awditjar, huma qed jissuġerixxu ħames aġġustamenti fuq l-*unaudited financial statements*.

2.5.2 L-aġġustamenti huma ta' natura teknika (per eżempju aġġustament ta' *provisions*) imma fl-aħħar mill-aħħar l-indikatur finanzjarju tal-kunsill minn -27.2% iddgħajjef għal -28.3%. Skont il-konsulent, din mhix l-aħħar tad-dinja pero' talab għal aktar pjanar u nibdew nippjanaw il-*business plan* għal ħames snin.

2.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk il-kwistjoni li kellna mal-perit dwar l-użu tat-tariffa K, konniex se nħossuha din is-sena, u l-konsulent qallu li iva. Ġie deċiż illi f'applikazzjonijiet ġodda ta' ċerti portata niftħu sejħa għall-perizja u nagħmluha ċara li min ikun qed jixħet persentaġġ dan ikun jgħodd iktar mit-tariffa K. Dan ma jgħoddx għat-toroq imma japplika għall-ġonna u bini.

2.5.4 L-aġġustamenti u r-rapport finanzjarju għaddew għall-vot fejn kulħadd ivvota favur l-aġġustamenti.

**2.6 Proġett ta' Monita - Stazzjon**

2.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal din il-laqgħa kien ġie mistieden is-Sur Mark Gasan biex jispjegalna aħjar jekk hemmx servitu fi Ġnien Stazzjon minn naħa tar-Roxy. Filwaqt illi s-Sur Gasan kien aċċetta illi jindirizza l-kunsill, id-data u l-ħin ma kienx konvenjenti u talab għal appuntament alternattiv.

2.6.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech reġgħet tat spjegazzjoni ta' kif u għaliex kien sar dan il-ftehim bejn Gasan u l-Kunsill, u Gasan kien ingħata servitu, imma is-servitu ma kellux ikun ta' bibien fuq il-ġnien imma ta' twieqi u gallerijiet biss. Il-kuntratt ma kienx sar ċar u mhux se taċċetta li jkun hemm servitu ta' bibien għax ma jkollniex kontroll fuq ġnien pubbliku. Għalhekk irid ikun

hemm laqgħa oħra man-nutar. Il-kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li hemm bżonn aktar tagħrif dwar l-applikazzjoni. Huwa staqsa jekk hux se jkun hemm *shopping complex* jew appartamenti. F'każ li jkun hemm kumpless tal-ħwienet tista' tagħmel sens illi jinfetaħ bieb sakemm il-ġnien ikun miftuħ u b'ħinjijet limitati. F'każ li hemm biss appartamenti ma jagħmilx sens. Is-Sindku talbet lis-Segretarju biex isejjaħ laqgħa oħra mas-Sur Gasan fejn ikun preżenti l-kunsilliera.

**2.7 Ġemellaġġ Castel Maggiore**

2.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ta' qabel kien taħ via libera biex jaħdem fuq ġemellaġġ u bdejna diskussjoni ma' Castel Maggiore. Xtaq isaqsi lill-Kunsill il-ġdid ikompliex jaħdem fuqha. Il-Kunsill qabel imma jrid jiġi kjarifikat x'se jkunu t-temi li fuqhom se naħdmu magħhom.

**2.8 *Innovation Centre***

2.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi konna applikajna għal fond ta' innovazzjoni fejn tlabna 100,000euro, 40,000euro li kienu sejrin għall-*ischool of invention* u 60,000euro biex tiġi rranġata binja fl-istazzjon. Madankollu l-proġett ma setgħax isir minħabba li l-KNPD talbu lift u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien iktar beda jogħla l-bini. Huwa talab l-opinjoni tal-Kunsill il-ġdid għax se jkun hemm spiża kbira li m'hemm l-ebda allokazzjoni għaliha.

2.8.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għandna nwaqqgħuha din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil. Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi meta nwieġbu u ngħidu li se nwaqqgħuha, nagħtu r-raġuni li hija purament finanzjarja.

**2.9 Isem triq ġdida fi Triq Ganu**

2.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm trejqa ġdida fi Triq Ganu u hu qed jintalab biex bħala Kunsill nagħtuha isem. Dan biex min se jmur joqgħod hemm ikun jista' japplika għas-servizzi. Din ġa ttellgħet Kunsill u tlabna lill-iżviluppaturi jibgħatulna l-*compliance certificate*. Dawn issa qegħdin għandna u jidher li kollox hemm sew.

2.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri ppropona numru ta' ismijiet fosthom Triq is-sena 1724 (meta nbniet il-mitħna), Triq San Mikiel (peress li mal-mitħna hemm Statwa ta' San Mikiel) u Triq tal-Maħlut (kif kienet magħrufa l-mitħna). L-aktar li ntogħġob kien Triq Tal-Maħlut u s-Segretarju se jkun qed jissuġerixxi l-isem lill-*istreet naming committee*.

**2.10 Claims żgħar kontra l-Kunsill**

2.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra li bagħat l-avvukat lill-Kunsill il-ġdid fejn talab li nikkunsidraw il-politika tagħna dwar *claims* żgħar li jsiru minn nies illi jkollhom ħsarat fil-vetturi kaġun ta' ħofor fit-toroq. Huwa qed jissuġerixxi li jinħatar bord li jevalwa l-każijiet u jiddeċiedi jekk hemm lok għal kumpens.

2.10.2 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech qalet li rridu noqogħdu attenti li ma noħolqux preċedenti għax jekk nagħtu lil xi ħadd ikollna nagħtu lil kulħadd. Il-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar qabel għax nażawrixxu l-baġit.

2.10.3 Żvolġiet diskussjoni u l-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal li għandna nagħmlu analiżi finanzjarja u naraw minn naħa kemm infaqna flus fi qrati, u minn naħa l-oħra kemm nonfqu flus kieku nibdew inħallsu. Kien hemm qbil u s-Segretarju se jitkellem ma' l-avvukat għal dawn il-figuri.

**2.11 Tenders ġodda li jridu joħorġu**

2.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm numru ta' tenders li se jiskadu bidu tas-sena d-dieħla u jinħtieġ li jibda x-xogħol klerikali fuqhom. Dawn huma t-tender għall-provista tal-*cold asphalt* u konkos, it-tender għall-kiri ta' makkinarju, it-tender għal-pots u pjanti tal-*green urban*, it-tender tal-*playing field equipment*, it-tender tal-*Youth Empowerment Officer* u t-*tender* għall-arbli ta' dawl dekorattivi. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab il-kunsens tal-Kunsill biex joħroġ it-tender għal tinda f'Jum Birkirkara u s-solita sejħa għad-dawl tal-Milied. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar it-tinda pero fuq id-dawl tal-Milied is-Sindku talbet biex tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur li jieħu ħsieb is-*soft areas* mhux qed ilaħħaq max-xogħol u kien tefa' t-tender bi prezz baxx wisq. Flimkien mas-Sindku talbuh biex joħroġ stima ġdida fejn il-ġardinaġġ u t-tisqija jieħdu ħsiebu l-ħaddiema tagħna u hu jieħu ħsieb li jbattal il-bins kollha u knis fl-Istazzjon u John Borġ kuljum. L-istima kienet ta' 1500 euro. Għalkemm din mhix xi ħaġa perfetta li ssir f'termini ta' regoli finanzjarji, kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha li ma nistgħux nagħmlu mod ieħor għax inkella bis-sħana kbira li qed tagħmel, kien se jmut kollox. Is-Segretarju ħa jimplimenta kuntratt b'din il-varjanza.

**2.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/8 u *petty cash***

2.12.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Karl Cutajar u approvati nem. con.

2.12.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 1/8. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar u l-Kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**2.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

2.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.10pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Awwissu fis-6pm.

Konfermati, illum 9 ta' Lulju 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |